MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 229/2007

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 194/07 fl-ismijiet:-**

**Maria Dolores Debono.**
**vs**
**Giovanna Bonnici**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Giovanna Bonnici tal-1 ta' Marzu 2007;

Rat ir-risposta ta' Maria Dolores Debono a fol 7;

Rat ir-replika ta' Giovanna Bonnici a fol 10 u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 28 tal-21 ta' Marzu 2007;

Rat is-sentenza tal-Qorti Prim Awla tad-29 ta' Mejju 2006;

Rat ir-ratizzazzjoni a fol 44;

Rat ic-cedoli ta' depozitu;

Rat ir-rikorsi l-ohra tar-rikorrenti u r-risposta ghalihom tal-kontroparti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti qed titlob li l-mandat in kwistjoni jigi dikjarat null u li r-ratizzazzjoni li saret mill-intimata tigi dikjarata bhala nkorretta.

L-intimata harget il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ghall-ammont ta' Lm2,045.53[1] in forza ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo fid-29 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet "Doris mart Charles Debono vs Consiglio Abela et" (ara fol 40) fejn fost l-ohrajn r-rikorrenti odjerna, Giovanna Bonnici, giet ikkundannata thallas parti minn tlieta (1/3) mill-ispejjez. Saret taxxa legali datata 16 ta' Frar 2007 (ara fol 46) u fuq din it-taxxa Maria Dolores Debono ppreparat ratizzazzjoni ta' l-ispejjez tal-kawza (fol. 44) u fuqha nhareg il-mandat.

**Nullita' tal-Mandat**

[1] Il-kwistjoni dwar il-fatt li nqabdu flus minn zewg banek differenti ghall-istess ammont giet deciza f'rikors separati fl-istess proceduri.

Dwar il-kwistjoni li s-sekwestru kellu jigi ntavolat ukoll mir-ragel ta’ l-intimata, din it-talba hija nfondata billi l-kwistjoni hija wahda ta’ divizjoni bejn l-ahwa.

Il-kontestazzjoni l-ohra dwar xi zball fl-I.D.Card ta’ l-intimata ma ggibx in-nullita’. Jigi rilevat li s-sekwestru esekuttiv ma jinhalifx ghalhekk anke din il-kontestazzjoni tar-rikorrenti ma tregiex.

**Ratizzazzjoni**

Ir-rikorrenti mhux qed taqbel dwar l-ammont ta’ spejjez gudizzjarji li hi ghandha thallas skond ir-ratizzazzjoni li saret mill-intimata u dana ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors taghha.

Dwar il-kwistjoni li qajmet ir-rikorrenti li l-“ispejjez” m’ghandhomx jinkludu d-drittijiet ta’ l-Avukati u l-Prokuraturi Legali, din is-sottomissjoni ma tistax tigi milqugha. Skond is-sentenza imsemmija (a fol 43) il-Qorti ddecidiet li *“tordna illi l-ispejjez* ***kollha*** *jinqasmu hekk”* naturalment id-drittijiet ta’ l-Avukati u l-Prokuraturi Legali huma nkluzi ma’ l-ispejjez.

Ir-ratizzazzjoni giet preparata mill-legali tal-intimata fuq taxxa mahruga mill-Qorti u l-Mandat Esekuttiv mertu ta’ dina l-procedura odjerna, gie kollazzjonat u nhareg bl-awtorita’ tal-Qorti.

Ghalkemm ir-rikorrenti qed tikkontesta l-mandat ta’ sekwestru eskuttiv, hi bl-ebda mod ma ghamlet xi proceduri sabiex tikkontesta t-taxxa ta’ l-ispejjez gudizzjarji li nharget mid-Direttur General tal-Qorti, u lanqas ma bdiet xi procedura biex tikkontesta ir-ratizzazzjoni. Ir-rikorrenti setghet ipprocediet skond il-procedura stabilita fil-paragrafu 11 ta’ l- Iskeda A tal-Kap 12[2]. Ma sar ebda rikors biex tigi approvata r-ratizzazzjoni

[2] 11 (1) Ir-Registratur ghandu jara li taxxa ta’ l-ispejjez tinzamm fl-inkartament ta’ kull kawza u ghandu jnizzel minnufih fit-taxxa l-hlasijiet kollha maghmula lir-Registratur u l-hlasijiet kollha dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, u l-partijiet, l-avukati taghhom u l-prokuraturi legali taghhom ikollhom dritt ghal kopja tat-taxxa f’kull hin.
(2) Fi zmien xahar mill-ghoti tas-sentenza finali, ir- Registratur ghandu jara li tithejja taxxa ta’ l-ispejjez finali u
kopja taghha tintbaghat lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali taghhom.

ta’ spejjez rilaxxata taht dan il-paragrafu mid-Direttur tal-Qorti.

Ghalhekk jirrizulta li l-mandat in kwistjoni hareg skond il-ligi u r-rikorrenti m’ghandha l-ebda bazi fuq hiex tikkontesta dan il-mandat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talbiet tar-rikorrenti;
Bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

(3) Ghall-prezentata ta’ kull rikors fejn tintalab ir-ritassa jew l-approvazzjoni ta’ ratizzazzjoni ta’ spejjez rilaxxata taht dan l-inciz ghandu jithallas id-dritt ta’ Lm 20.